MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 908/1985/1

Giuseppi u martu Teresa Cefai u b'nota tas-7 ta' Marzu 1995 stante l-mewt ta' Joseph sive Giuseppe Cefai, Maria Assunta Camilleri, Teddy Cefai, Charlie Cefai, Tania Zammit, Agnes Saliba, Giovanni Cefai, Paschalino Cefai u Theresa Cefai assumew l-atti tal-kawza
vs
Francis Bonello u ghal kull interess li jista' jkollha Helen Gatt

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:
L-atturi talbu lill-Qorti biex:

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u seba' u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (LM427.15) ghal prezz ta' xoghol ta' suf lilhom mibjugh u konsenjat.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Novembru 1984 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi:

Fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jezebixxu l-invoices relattivi ghall-ammont minnhom mitlub.

Fit-tieni lok, it-talba tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi dak mitlub mhux dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Xehed <u>l-attur</u> u qal li huma kienu jiehdu x-xoghol tas-suf lill-konvenuti fuq ordni taghhom ghal xi 3 snin jew 4 u ma kienux ihallsu ta’ kull tpartita izda kienu jhallsu b’lura. Qal li l-mara kellha ktieb ta’ l-invoice u meta l-konvenuti kienu jaghmlu l-ordni kienet taghtihom l-original u hi zzomm il-kopja u meta jhallsu kienet tikteb “Paid” kemm fuq l-invoice taghha kif ukoll fuq tal-konvenuti. Qal li kienet qamet il-kwistjoni fejn martu kienet qalet lill-konvenuti biex ihallsu u Helen Bonello kienet qaltilha li kienu diga` mhallsin; liema ammont kien jammonta ghal Lm1,200. Qal ukoll li hi qaghdet fuq il-kelma taghha u ngassat il-

kont minn fuq l-invoice taghha. Semma li Helen kienet izzewget u kienet spiccat tahdem mill-hanut u kienu baqghu jaghtu l-ordnijiet lill-ohtha li din kienet thallas regolarment. Qal li minn meta gara l-kaz ta' l-Lm1,200 sakemm izzewget Helen kien ghad hemm xi kontijiet x'jithallsu.

Xehdet l-attrici Teresa Cefai u esibiet dokumenti A1 sa A9 li kienu l-original tal-invoices u li kienu gew f'idejha ghax parti minnhom taghathomla Helen Gatt u parti Francis Bonello. Sostniet li ghalkemm l-invoices originali kellhom paid fuqhom qatt ma gew imhallsin. Kien hemm ukoll l-invoice 3 li qatt ma gie imhallas. Kull meta kienet thallasha Helen Gatt, dejjem kienet tiktbilha paid mill-ewwel. Fil-kaz ta' dawk l-invoices dahqet biha meta qaltilha li kienu gja mhallsa. Wara li Helen izzewget bdiet tinnegozzja ma' ohtha Tessie u qatt ma kellha problemi.

Hi semmiet li l-kitba fid-Dokumenti PBC1, PBC6 u l-ircevuta 68 kienu taghha izda l-kelma "Paid" fid-Dokumenti PBC2 sa PBC5, PBC9, PBC11 u l-ircevuti 69, 71 u 72 ma kienux taghha u ma tafx ta' min kienet il-firma, izda mhux ta' zewgha jew tat-tifla taghha. Qalet li l-ktieb esebit bhala A11 kien ikun f'idejha u l-kelma "Paid" fuq il-ktieb hi kienet taghmilha. Semmiet li meta Helen izzewget kienet indunat li din kienet qed tidhak biha. Qalet li l-karti originali kienet taghtihom lil Helen u b'referenza ghall-ircevuta PBC2 qalet li Helen kienet ghamlet paid fuq il-karta taghha u meta l-attrici marret ghandha din kienet wrieta l-invoice u kienet qaltilha li kienet imhallsa. Qalet li hi biex ma tiggilidx maghha kienet taqbad u tikteb paid fuq il-ktieb taghha. Semmiet li meta hadet il-karti kienet ghamlithom kollha paid u tathom lil ohta u ohtha kienet qaltilha li kienu kollha mhallsin meta kienet l-attrici l-anqas kienet ratha b'ghajnejha. Qalet li meta qamet il-kwistjoni fuq il-kelma "Paid" xorta baqghet tatiha x-xoghol izda mhux lil Helen imma lil ohtha. Lil Helen ma rathiex izjed. Qalet li gieli baghtet lit-tfal taghha bix-xoghol imma qatt ma hallsuhom.

Xehdet Helen Gatt li semmiet li sal-1983 hi flimkien ma' ohtha kienu jkunu fil-hanut u wara f'Jannar 1984 peress li

kellha t-tifla kienet waqfet u sena wara regghet marret lura fil-hanut. Semmiet li ohtha Tereza kienet baqghet fil-hanut sakemm izzewget. Qalet li kienet Tereza Cefai li kienet tikteb l-ordni meta jiehdu x-xoghol; kienet tghodd ix-xoghol u tikteb l-ammont li kienu jaghtuhom. Semmiet li Tereza kienet tikteb fuq ktieb u kienet taghtihom kopja ta' dak li kienet kitbet. Il-hlas ma kienx isir dak il-hin tal-konsenja izda wara u l-hlas kien ikun Cash. Normalment il-kontijiet u l-hlas kienu jsiru fil-hanut. Sostniet li kien hemm zmien li l-attrici riedet somma ferm akbar.

Meta rat il-firem fuq l-ewwel 15-il karta u rat il-kelma "Paid" fuq id-dokumenti PBC18 sa PBC20 qalet li dawk kienu nktibu jew minn Tereza jew mit-tifla taghha. Indunat li l-firma kienet differenti. Qalet li hi qatt ma kitbet fuq dawk il-karti hlief ghat-total taghha li kienet tahdem hi. Semmiet li Tereza kienet tlesti l-invoice hlief ghat-total. Qalet li l-kotba ta' l-invoices kienu jkunu ghand Tereza.

Xehdet <u>Tereza Petralia</u> [li tigi oht Helen Gatt tifla ohra tal-konvenut] u qalet li hi flimkien ma' ohtha kienu jahdmu fil-hanut ta' missierhom u kienu jaghmlu xoghol ma' Tereza Cefai. Semmiet li din Tereza Cefai kienet tmur il-hanut taghhom u thott is-suf li kienu ordnaw u mbaghad kienu jaghtuha l-flus. Tereza Cefai, wara li r-ragel taghha jghodd il-flus u jara li kollox sew kienet tibda tiffirma l-karti. Qalet li huma kienu jhallsu ta' xi tlett gimghat jew erba' b'lura u mhux ta' dakinhar. Semmiet li l-hlas, l-invoices u karti kienet tiehu hsiebhom ohtha u meta din izzewwget kienet tiehu hsiebhom hi. Qalet li hi zzewget fl-1984 u wara li zzewget kienet siefret u ghalhekk ma baqghetx tahdem fil-hanut. Semmiet li hi ma kenitx tiffirma karti u qalet li Tereza Cefai dejjem kienet tmur mghaggla u l-karti taghha mhux dejjem kienet tiffirmahom dakinhar stess. Kienet tghidilhom li ser tiffirmhom id-dar ghax mghaggla. Qalet li meta Tereza Cefai kienet ma tiflahx kienet tigi t-tifla taghha. Semmiet li missierha ma kienx ikun fil-hanut izda hu kien li jaghtihom il-flus biex ihallsu lil Tereza Cefai.

Xehdet <u>Maria Assunta Camilleri</u>, it-tifla ta' Joseph u Teresa Cefai li xehdet li taf lil Helen Bonello. Semmiet li 21 sena ilu meta ommha kienet waslet fl-ahhar xahar tat-

tqala kienet marret flokha ghal xi erba' darbiet bix-xoghol tan-negozju. Qalet li ommha kellha n-negozju taghha filwaqt li missierha kellu n-negozju tieghu u hu kien jitla' Malta ma' ommha josserva kollox izda ma kienx jinvolvi ruhu fil-business. Semmiet li fl-erba' darbiet li marret ghand is-Sinjura Bonello kienet marret ma' missierha u lilha qatt ma kienu hallsuha u qalet li kienet ommha li kienet tiehu hsieb il-flus u hi biss kienet tigborhom. Qalet li huha twieled fit-13 ta' Dicembru 1979 u kien xahar qabel li kienet marret ghand is-Sinjuri u hadd minn hutha ma kien imur idur fil-hwienet bix-xoghol. F'dawk l-erba' okkazzjonijiet li marret ghand is-Sinjuri biex taghmel delivery ta' l-ordni ta' suf dejjem lil Helen Bonello kienet kellmet; lil missierha qatt ma kienet kellmitu. Semmiet li Helen kienet iccempel u tordna minn fuq it-telefon u jekk xi darba inzertat lilha, hi kienet kitbet l-ordni pero` rough imbaghad ommha kienet tiehu hsieb kollox. Hi ma kenitx taf ommha x'kellha tiehu jew x'kellha taghti.

Rat illi fit-8 ta' Ottubru 1986 din il-Qorti diversament presjeduta kienet innominat lil Dr. Antoine Fiott bhala perit legali u fis-16 ta' Mejju 1988 innominat lil Dr. Anthony Abela Medici bhala espert kaligrafu filwaqt li fid-9 ta' Dicembru 1992 il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr. Abela Medici u ssostitwietu b'Joseph Gaffiero. Rat ir-relazzjoni ta' Joseph Gaffiero li fiha kkonkluda:

"Is-set ta' Invoices immarkati Dok A1 sa A9 bin-numri 1, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 16 jidhru li l-kelma "Paid fuq kull wahda minnhom hija maghmula mill-istess id. Tezisti avarija – li hi normali, li tidher cara fl-invoices No 8, 9 u 10 fejn il-kelma "Paid" tidher ikbar u aktar maghmula mghaggla. Il-kostruzzjoni tal-kelma meta wiehed janalizza ittra b'ittra ghandu jinnota li l-forma tal-'P' ghalkemm kultant kibret baqghet xorta fil-forma taghha mtawla orizontali u invarjabbilment tispicca b'ganc 'il gewwa. L-ittra 'a' hija invarjabbilment maghluqa u kkostruwita tajjeb fid-disa' ricevuti, il-forma tal-'a' hija maghmula minn fuq il-lemin tar-ras iddur kontra l-arlogg u taghlaq sewwa ma fejn bdiet biex tkompli mal-'i' li ghalkemm xi drabi tidher maghmula iktar mghaggla, xorta tindika li hi maghmula mill-istess id.

Nigi ghall-ahhar ittra id-‘d’, u hawn nenfasizza li l-ittra ‘i’ hija maqtugha kompletament mill-ittra ‘d’ fid-disa’ invoices in kwistjoni. In kwantu ghall-ittra ‘d’ din imfassla ghar-rasha, miftuha minn isfel u tispicca b’kurva ‘l barra. Naccenna ghall-invoices no 10 u 16 fejn din l-ahhar kurva hija aktar ezagerata u tispicca mdawra ‘l gewwa. It-tikka tal-‘i’ tezisti dejjem.

Meta wiehed jaghmel paragun ta’ dawn id-disa’ invoices ma’ dawk kollha li saru minn id Teresa Cilia [l-isem propju huwa Teresa Cefai], wiehed bilfors jinnota dan li gej: Il-forma tac-cirku tal-‘P’ hija maghmula (b’eccezzjonijiet) aktar vertikali milli le, anzi pjuttost djagonali. Il-kostruzzjoni ta’ l-ittra ‘a’ tibda dejjem minn isfel, u kwazi qatt m’hi maghluqa, minnha tohrog l-ittra ‘i’ li hafna drabi nsibuha minghajr it-tikka probabbilment sforz l-ghaggla tal-kitba. L-ittra ‘i’ iggongi regolarment (ghal kuntrarju tad-disa’ invoices imsemmija) ma’ l-ittra ‘d’ li forma u t-tifsila taghha m’ghandha x’taqsam assolutament xejn ma’ l-ebda wahda mill-ittri ‘d’ ta’ fuq id-disa’ invoices ikkontestati. L-ittra ‘d’ maghmula minn Tereza Cilia ghandha l-qaghaqa ta’ isfel kwazi dejjem miftuha titla’ dritt u tinzel holqa dejqa li ma tasalx sa isfel. Ta’ min ukoll wiehed jinnota li d-daqqa ta’ taht, forma ta’ ‘z’ fid-disa’ invoices huma tant bla avarija natuali bejniethom li huma kwazi stensiljati, mentri f’dawk li ghamlet Teresa Cilia, din id-daqqa kull tant tvarja fl-esekuzzjoni mghaggla taghha. Bhala l-ahhar punt insemmi l-fatt li l-kelma “Paid” li ghamlet repetutament Teresa Cilia hija dejjem maghmula malajr u hafna iktar mghaggla mill-“paid” li nsibu fuq id-disa’ invoices li huma kkonsestati. Tant hu hekk li Cilia sforz l-ghaggla kull tant anke qabzet ittra barra – sew l-ittra ‘a’ kif ukoll l-ittra ‘i’.

Dawn il-fatti kollha li semmejt m’ghandhom ihallu l-ebda dubbji lil min jipparagunhom ghal daqs tant wiehed ghandu jikkonkludi kif ikkonkludejt jien li dawn id-disa’ “invoices” imsemmijin fil-bidu ta’ dan ir-rapport m’humiex maghmulin mill-istess id li ghamlet “paid” fuq l-invoices l-ohra, jigifieri il-kelma paid fuq id-disa’ invoices 1, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 16 (Dok A1 sa A9) ma gewx esegwiti minn Teresa Cilia” [l-isem propju huwa Teresa Cefai].

Rat li fis-6 ta' Mejju, 1986 il-konvenut talab in-nomina ta' perit addizzjonali u gie nominat bhala espert kalligrafu Dr. Anthony J. Abela Medici bhala perit addizzjonali fit-18 ta' Novembru, 1996. Wara li zamm is-seduti dan ikkonkluda li:

"Illi ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi billi jiddikjara li fl-opinjoni tieghu, kwalifikata b'esperjenza ta' ezamijiet kaligrafici tul mill-inqas sittax-il sena ta' studju ta' kaligrafija forensika:

Il-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma kenitx miktuba mill-istess persuna li kitbet il-kelma "Paid" fuq id-dokumenti maghzula mid-dokumenti A10, A11 u HG2 sa HG103.

Il-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma kenitx miktuba mill-attrici Thersa Cefai.

Hemm punti ta' similanza fil-formazzjoni tal-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma' kitba ta' l-istess ittra mill-konvenuta Helen Gatt izda l-esponent ma ghandux punti bizzejjed sabiex jasal ghal konkluzjoni definittiva peress li kien hemm varjazzjoni kbira bejniet il-kitba tal-kelma "Paid".

Kien hemm probabilita` ta' attentat ta' ikkupjar 'freehand' tal-kelma "Paid" kif miktuba mill-attrici Theresa Cefai fuq id-diversi invoicesipprezentati fuq id-disa' (9) invoices A1 sa A9.

L-esponent qieghed presenzjalment jesebixxi d-dokumenti kollha u cioe` il-process originali bid-dokumenti A1 sa A9, A10, A11, HG1 sa HG103, B1 u B2 rispettivament, kif ukoll ix-xiehda guramentata tal-partijiet u qieghed jesebixxi ma' din ir-relazzjoni faxxikolu fotografiku konsistenti fid-dokumenti fotografici P1 sa P131, b'kollox mija, wiehed u tletin ritratt (131)."

**KONKLUZJONIJIET:**

Din il-kawza ghandha bhala bazi taghha l-kredibilita' li l-Qorti taghti lill-partijiet u hawnhekk il-Qorti kif presjeduta taghmilha cara li fil-fatt kull evalwazzjoni li tista' taghmel

hija mit-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet ghax qatt ma xehed hadd quddiem il-Qorti kif presjeduta ghax hija wahda mill-hafna kawzi li intirtet. Il-problema hija akbar fil-kaz in ezami ghax ma hawnx punti ta' ligi kumplikati izda evalwazzjoni tal-kredibilita` tal-partijiet.

L-atturi huma Ghawdxin u jbieghu s-suf *wholesale.* Il-konvenut Francis Bonello ghandu hanut San Giljan u dan il-hanut kien immexxi ghal xi zmien minn bintu Helen [eventwalment Gatt]. Huma kienu jixtru s-suf minghand l-atturi. Kien hemm kwantita ta' drabi meta sar bejgh. Meta dan kien isir ma kienx isir hlas mill-ewwel izda l-attrici kienet tikteb invoice u tghaddih lill-konvenuti. L-original tal-invoice kien jghaddi ghand il-konvenuti waqt li l-kopja kienet tibqa' fil-ktieb ta' l-attrici. Kull tant zmien kienu jsiru l-konteggi u fuq l-invoices li kienu jigu mhallsa l-attrici kienet tikteb il-kelma "Paid".

L-atturi talbu li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u seba' u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (LM427.15) ghal prezz ta' xoghol ta' suf lilhom mibjugh u konsenjat. Il-konvenuti sostnew li ghall-ewwel l-atturi talbu somma ferm akbar li apparentament kien hemm xi diskussjonijiet fuq somma akbar izda l-atturi ghamlu t-talba ghall-ammont imsemmi u jsostnu li dawn huma referibbli ghad-dokumenti A1 sa A9 u li fuqhom ma kienx hemm il-kelma Paid miktuba mill-attrici.

Gew nominati zewg esperti kalligrafi successivament – s-Sur Joseph Gaffiero u Dr Anthony Abela Medici. Dawn it-tnejn qablu [ghalkemm hadmu separatament] li l-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma kenitx miktuba mill-istess persuna li kitbet il-kelma "Paid" fuq id-dokumenti maghzula mid-dokumenti A10, A11 u HG2 sa HG103, u li l-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma kenitx miktuba mill-attrici Theresa Cefai. Inoltre Dr. Abela Medici semma li hemm punti ta' somiljanza fil-formazzjoni tal-kelma "Paid" fuq id-dokumenti A1 sa A9 ma' kitba ta' l-istess ittra mill-konvenuta Helen Gatt izda li hu ma ghandux punti bizzejjed sabiex jasal ghal konkluzjoni definittiva peress li kien hemm varjazzjoni kbira bejniet il-

kitba tal-kelma "Paid", u li kien hemm probabilita` ta' attentat ta' ikkupjar 'freehand' tal-kelma "Paid" kif miktuba mill-attrici Theresa Cefai fuq id-diversi invoices pprezentati fuq id-disa' (9) invoices A1 sa A9.

Il-konvenuta hin minnhom ppruvat li twaddab id-dell fuq bint l-attrici li forsi kienet hi izda ma rrizulta b'ebda mod ippruvat.

Il-konvenuti eccipew li fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jezebixxu l-invoices relattivi ghall-ammont minnhom mitlub. Dan sar u gew ezibiti diversi invoices inkluz dawk in kwistjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni qedgha tigi michuda.
Fit-tieni lok, il-konvenuti eccipew li it-talba tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi dak mitlub mhux dovut. Irrizulta b'mod car li kien hemm negozzju kontinwu bejn il-partijiet. F'ebda mument il-konvenuti ma sostnew li l-oggetti msemmija fl-invoices indikati ma gewx ikkonsenjati, jew li kienu difettuzi, jew li ma kienux tal-kwalita` pattwita. Sostnew biss li kienu ghamlu l-hlas u dan ibbazawh minhabba li fuq l-invoices kien hemm il-kelma "Paid" miktuba mill-attrici. Izda dan gie kontradett minn zewg esperti kalligrafi oltre mill-istess attrici. Ghaldaqstant tichad ukoll din it-tieni eccezzjoni.

Dan kollu jwassal ghall-prova li t-talba attrici ghandha tigi milqugha. Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u seba' u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (LM427.15) ghal prezz ta' xoghol ta' suf lilhom mibjugh u konsenjat.

Izda f'dan l-istadju l-Qorti bil-fors ikollha tirrimarka dwar il-fatt li din il-kawza hija rizultat ta' ***sistemi*** hziena fit-tmexxija ta' negozzju. Ma jaghmilx tant sens li wiehed jahdem b'din is-sistema u ghalkemm il-Qorti hija totalment konvinta minn dak li gara bil-mod kif espost hawn fuq, ma tistax fl-istess hin ma tqisx il-parti kontributorja ghall-kawza da parti tal-atturi minhabba s-sistema wzata.

Minhabba dak li ghadu kif intqal l-ispejjez tlitt kwarti [3/4] ghall-konvenuti u kwart [1/4] ghall-atturi;  bl-interessi mill-20 ta’ Novembru 1984 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------